MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1108/1999/1

**Gillian Marie Gafa`.**

**vs**

**Jet-Tech Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Mejju 1999 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-attrici kienet impjegata mas-socjeta` Jet-tech Company Limited u waqt l-impjieg taghha saret allegazzjoni li hija kienet misapproprijat ruhha minn fondi ta’ l-imsemmija socjeta`;

Illi l-attrici hija persuna riservata u timida u f’dak il-mument li giet imdawra minn membri tas-socjeta` konvenuta b’mod li hija giet sfurzata kontra r-rieda taghha li tiffirma kambjala fl-ammont ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000) fit-12 ta’ Mejju 1999;

Illi din il-kambjala ma hiex wahda valida *ai termini* tal-ligi peress illi din giet iffirmata taht pressjoni psikologika qawwija u kontra l-volonta` ta’ l-attrici li tirrendi l-istess kambjala nulla;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-kambjala ffirmata mill-attrici fit-12 ta’ Mejju 1999 fl-ammont ta’ sitt elef lira Maltin hija nulla u bla ebda validita` legali billi giet mehuda kontra l-volonta` libera ta’ l-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 1999.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 10 ta’ Settembru 1999 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament illi ghandha ssir korrezzjoni fl-isem tal-kumpanija konvenuta *stante* li ma tezisti l-ebda kumpanija bl-isem Jettech Company Limited;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-permess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-kambjala ffirmata mill-attrici hija valida skond il-ligi peress illi m’huwiex minnu li giet

sfurzata tiffirmaha kontra r-rieda taghha jew taht xi pressjoni psikologika.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 9 u 10 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta' Novembru 1999 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici ghall-attrici prezenti u d-difensuri tar-rikorrenti. Dr. Mifsud Bonnici talbet korrezzjoni f'isem is-socjeta` konvenuta b'dan li wara l-kliem "Jet" jitnizzel u tizdiet il-kelma "Tech" u tigi mnehhija l-kelma "Company". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tac-citazzjoni fl-okkju u kull fejn jirrikorri. Dr. Louise Sant Fournier ghas-socjeta' konvenuta tat ruhha notifikata bic-citazzjoni kif korretta u strahhet fuq l-eccezzjonijiet gia` minnha prezentati. Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghall-24 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tal-24 ta' Jannar 2000 u l-ordni ta' l-istess Qorti tat-22 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem din il-Qorti hekk presjeduta.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 24 ta' Mejju 2000 a fol. 16 tal-process li biha pprezentat l-affidavit ta' l-esponenti u ta' Gordon Gafa`, b'kopja biex tigi notifikata lis-socjeta` konvenuta, u ghal kull *buon fini* rriservat id-dritt tal-kontro-ezami lill-kontro-parti.

Rat ir-rikors ta' Gillian Ali pprezentat fid-29 ta' Mejju 2000 (fol. 28) fejn hija talbet li din il-Qorti joghgobha tawtorizza illi l-atti kollha f'din il-kawza jigu korretti minn "Ali" ghal "Gafa`". Il-Qorti kif hekk presjeduta laqghet it-talba u

ordnat il-korrezzjoni rikjesta bid-digriet taghha moghti fit-30 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 30 ta' Ottubru 2000 li biha pprezentat l-affidavit ta' Marcon Coppola (Dok. "MC 1") u kopja dattilografata ta' l-istess affidavit (Dok. "MC2") b'kopja biex jigi notifikat lis-socjeta` konvenuta, u ghal kull *buon fini* rriservat id-dritt tal-kontro-ezami lill-kontro-parti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta tal-10 ta' Ottubru 2000; u tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehdet Gillian Gafa` prodotta biex tixhed in kontro-ezami mis-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza xehdet Charmaine Costa prodotta mill-attrici. Deher Dr. Joseph Brincat li kien ippatrocinja x-xhud fil-procedura kriminali. Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici talbet li tirregola ruhha dwar il-pozizzjoni tax-xhieda taghha. Dr. Vassallo ma opponiex. Il-kawza giet differita sabiex l-attrici tirregola ruhha ghat-28 ta' Frar 2001; u tat-28 ta' Frar 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici u Dr. Louise Sant Fournier. Il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti ghat-3 ta' Mejju 2001; tat-3 ta' Mejju 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici u Steve Mason ghas-socjeta` konvenuta assistit minn Dr. Franco Vassallo. Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Dr. Franco Vassallo talab li l-provi li nstemghu fil-kawza numru 3 Citazzjoni 1207/99RCP jittiehdu bhala provi wkoll f'din il-kawza. Dr. Mifsud Bonnici ma opponietx. Il-Qorti laqghet it-talba. Xehdet bil-gurament l-attrici Gillian Marie Ali in kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta ghat-30 ta' Mejju 2001; u tat-30 ta' Mejju 2001; tal-21 ta' Gunju 2001; tas-6 ta' Novembru 2001; tas-17 ta' Jannar 2002; u tat-18 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onororevli Mhallef David Scicluna ghad-19 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David

Scicluna tad-19 ta’ Gunju 2002 u l-ordni ta’ l-istess Qorti tat-2 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-7 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta’ Jannar 2003; tal-14 ta’ Frar 2003; tas-26 ta’ Marzu 2003; tas-7 ta’ Mejju 2003; tat-3 ta’ Gunju 2003; tas-6 ta’ Gunju 2003; u tal-20 ta’ Gunju 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Roderick Zammit Pace ghas-socjeta’ konvenuta Jet-Tech Limited u Dr. Noel Camilleri ghall-attrici prezenti. Dr. Camilleri prezenta *seduta stante* affidavit ta’ Kenneth Attard u dikjarazzjoni ta’ Joe Zammit Tabona. Il-kawza giet differita sabiex is-socjeta` Jet-Tech Ltd tirregola ruhha fid-dawl tad-dokumenti esebiti *seduta stante* mill-parti l-ohra ghas-7 ta’ Novembru 2003; tas-7 ta’ Novembru 2003; tal-4 ta’ Frar 2004; tat-22 ta’ April 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Roderick Zammit Pace ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Noel Camilleri ghall-attrici prezenti. Gie prezentat minn Dr. Noel Camilleri affidavit ta’ Charmaine Costa, kopja ta’ liema giet konsenjata lid-difensuri tal-kontro-parti. Il-partijiet ghal kull *buon fine* ddikjaraw li qablu li l-provi mismugha u prodotti fil-kawza odjerna jkunu jiffurmaw parti ntegri wkoll fil-kawza Citazzjoni Nru. 1207/99 fl-ismijiet inversi. Dr. Noel Camilleri ghall-konvenut irrileva li kemm il-*video* u l-*audio tape* esebiti fil-5 ta’ Settembru 2001 a fol. 173 tac-Citazzjoni 1207/99 ma sarux bil-konoxxenza tal-konvenuta. Ghaldaqstant talab li jinhatru esperti teknici biex jivverifikaw l-awtenticita` ta’ l-istess. Dr. Roderick Zammit Pace talab zmien biex jirrispondi ghal din it-talba wara li jaghmel il-verifiki tieghu. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Mejju 2004; u tas-7 ta’ Mejju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici Gafa`. Deher Dr. Roderick Zammit Pace ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Roderick Zammit Pace nforma l-Qorti li hu jopponi ghat-talba tal-kontro-parti ghall- hatra ta’ esperti teknici u mpenja ruhu li jipprezenta nota dwar l-oggezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Gunju 2004 ghall-provediment; tas-16 ta’ Gunju 2004; u tas-27 ta’ Ottubru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita

minn Dr. Noel Camilleri. Il-Qorti nnominat espert tekniku lil David Magro, a fol. 171, biex jivverifika l-awtenticita` tal-*video* u *audio tape* esebiti a fol. 173 tal-process u jistabbilixxi jekk dawn it-*tapes* humiex originali a spejjez tal-konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Dicembru 2004 ghar-rapport; tal-10 ta' Dicembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghall-attrici. Deher l-espert David Magro li halef u kkonferma r-relazzjoni tieghu (li qieghed esebiet fil-process l-iehor Cit. Numru1207/99 a fol. 181 – allegat ma' l-atti ta' din ic-citazzjoni). Giet prezentata kopja ghal kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Frar 2005 ghal ezami rapport; tas-16 ta' Frar 2005; tal-5 ta' April 2005; tal-20 ta' Mejju 2005; tat-22 ta' Gunju 2005; tas-16 ta' Novembru 2005 fejn dehru Dr. Roderick Zammit Pace ghas-socjeta`Jet-Tech Limited u Dr. Noel Camilleri ghal Gillian Gafa`. Xehdet Gillian Gafa` in kontro-ezami. Dr. Zammit Pace rrinunzja ghall-ezami tal-Perit Tekniku. Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Jannar 2006 ghall-kontro-ezami ulterjuri ta' Steve Mason.

Rat l-ordni tal-Qorti kif hekk presjeduta tat-18 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti kif attwalment presjeduta tat-23 ta' Frar 2006; tat-8 ta' Gunju 2006.

Rat in-nota ta' l-avukat difensur Dr. Roderick Zammit Pace li kien jippatroncinja lis-socjeta` konvenuta datata 14 ta' Novembru 2006 li permezz taghha nforma lil din il-Qorti illi r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ma baqghux f'kuntatt mieghu u ghalhekk irrinunzja ghall-patrocinju tas-socjeta` konvenuta, liema nota tinsab esebita a fol. 118 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta' Novembru 2006 u tal-15 ta' Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghall-attrici. Is-socjeta` konvenuta ssejhet diversi drabi baqghet ma dehritx. Dr. Camilleri talab l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet inversi "Jet-Tech Limited vs Gillian Gafa`" - Citazzjoni Numru: 1207/99/RCP li marret *sine die* fit-28 ta' Novembru 2006. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr. Camilleri tratta l-kawza. Il-kawza giet differita ghas-

sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ April 2007; u l-ordni ta’ din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta’ Mejju 2007.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet inversi “Jet-Tech Limited vs Gillian Gafa’” - Citazzjoni Numru: 1207/99/RCP.

Rat in partikolari r-relazzjoni peritali tal-perit tekniku David Magro datata 22 ta’ Novembru 2004 u mahlufa fl-10 ta’ Dicembru 2004.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeghda titlob lil din il-Qorti tiddikjara kambjala li hija ffirmat bhala nulla minhabba li hija ffirmatha taht pressjoni psikologika qawwija u kontra l-volonta’ taghha.

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta’ konvenuta cahdet tali allegazzjoni.

Illi jinghad ukoll li din il-kawza kienet miexja ma’ kawza ohra bl-ismijiet inversi Cit. Numru:-1207/99/RCP li marret *sine die* fit-28 ta’ Novembru 2006. Skond il-verbal tal-21 ta’ Gunju 2001 il-partijiet qablu li x-xhieda fl-istess kawza bl-ismijiet inversi ghandha tghodd ukoll fil-vertenza odjerna u fil-fatt jinghad li b’digriet datat 15 ta’ Frar 2007 l-istess process gie allegat ma’ l-atti ta’ din il-kawza.

Illi skond l-**artikolu 974 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta** :-

*"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa".*

Illi mbaghad l-**artikolu 978 tal-Kodici Civili** jiddisponi li-

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.*

*(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta', is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.*

Illi l-**artikolu 979 tal-Kodici Civili** jiddisponi li:-

*"(1) Il-vjolenza hija motiv ta' nullita' tal-kuntratt, ukoll meta d-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-hwejjeg tal-mara, jew tar-ragel, jew ta' dixxendent, jew ta' axxendent tal-parti li tikkuntratta.*

*(2) Jekk id-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-hwejjeg ta' persuni ohra, huwa mholli fid-dehen tal-qorti, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, li tannulla l-kuntratt jew li twettaq il-validita' tieghu."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et"** (A. C. 16 ta' Gunju 1995) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-vjolenza morali bhala vizzju tal-kunsens. Infatti nghad :-

*"Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal ghan-nullita' tal-kuntratt, hemm bzonn li dik il-vjolenza <u>tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt</u>, li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza ezercitata biex jigi ottenut il-kunsens, u mhux biex jigi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li ezercitata biex tottjeni dak il-kunsens* (**"Edgar G. Soler noe vs H.H. Sir David Campbell noe" –** Vol.XXXIII, p.ii, p.431);

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li*

*taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi…Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant* (**"Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo" –** Vol. XXIX.ii.749)".

Illi mbaghad fis-sentenza **"Joseph Cost Chretien vs Joseph C. Borda"** (A.K. – 15 ta' Dicembru 1961) intqal li difficilment jiftiehem kif il-fatt li l-kreditur juri l-hsieb tieghu li, jekk id-debitur ma jiffirmax kambjali konstatanti d-dejn tieghu, huwa jipprevalixxi ruhu minn rimedju kawtelatorju sanzjonat mill-ligi jista', fin-nuqqas ta' cirkustanzi ohra, jitqies bhala att ta' vjolenza li jinficja l-kunsens tad-debitur li ffirma dik il-kambjala (ara wkoll **"Maria Schembri et vs Gerolamo sive George Mizzi Agius et"** – 12 ta' Ottubru 1960).

Illi huwa fid-dawl ta' dan kollu li ghandhom jigu ezaminati l-provi prodotti f'din il-kawza fejn l-attrici qed titlob li tigi annullata l-kambjala datata 12 ta' Mejju 1999 peress li hija ffirmat l-istess biss ghaliex kienet taht pressjoni psikologika u b'hekk kontra l-volonta' taghha b'dan li kien hemm vizzju ta' kunsens minhabba vjolenza morali.

Illi fil-fatt l-attrici xehdet fl-affidavit taghha (a fol.17 tal-process) li hija bdiet tahdem bhala *full-time sales person* ma' Jet-Tech Ltd gewwa l-hanut bl-isem ta' Jet-Setter fil-Belt, Valletta minn Gunju 1998 sat-12 ta' Mejju 1999 meta giet imkeccija mix-xoghol mid-diretturi Steve Mason u Kenneth Attard.

Illi l-generu tan-negozju tal-hanut kien bejgh ta' *souvenirs.* Hija sostniet li r-relazzjoni fuq xoghol bejnha u bejn id-diretturi msemmija kienet wahda tajba. Mason u Attard gieli fahruha ghal xogholha, qatt ma rceviet xi forma ta' twissija u b'hekk kienet taht l-impressjoni li kienu kuntenti hafna biha. Inoltre' hija kienet tafhom minn mindu bdiet tahdem maghhom f'kumpanija ohra taghhom minn Settembru 1997.

Illi flimkien magħhom fil-ħanut tal-Belt kienu jaħdmu bħala *Manager*, Josephine Nappa, u żewġ *sales persons* oħra Marcon Coppola u Charmaine Costa. Hija rreferiet għat-12 ta’ Mejju 1999, sittax-il ġurnata ‘l bogħod mit-tieġ tagħha, meta Steve Mason kien għajjat laqgħa ġewwa l-istess ħanut wara l-ħin ta’ l-għeluq. Dakinhar Mason u Attard akkużaw lill-attriċi u lil Marcon Coppola u Charmaine Costa li kienu ġew misruqa mill-kumpanija fiż-żmien li kienu jaħdmu magħhom l-ammont ta’ Lm18,000. B’hekk akkużaw lill-impjegati tagħhom li kienu serqu Lm6,000 kull waħda. L-attriċi tiċħad tali allegazzjoni.

Illi hija spjegat li ftit jiem qabel din il-laqgħa l-imġieba tad-diretturi kienet waħda normali. Dakinhar tal-laqgħa kien hemm preżenti ż-żewġ diretturi u Joe Zammit Tabona li huwa *supplier* tal-ħanut. Mason għalaq il-grada tal-ħadid u sakkar il-bieb ta’ barra minn ġewwa. L-għarus tagħha kien jaħdem ma’ missier il-mara ta’ Zammit Tabona.

Illi hekk kif kienu magħluqin ġewwa, Mason b’rabja ordnalhom biex jitilgħu fis-sular ta’ fuq. Zammit Tabona u Kenneth Attard intefgħu wieħed fuq kull naħa tal-bieb. Mason beda jakkużahom li serqu flus u *stock* mill-ħanut. Hija bdiet tibża’ minħabba li qatt ma kienet rat lil Mason irrabjat hekk. Meta huma ċaħdu l-allegazzjoni tiegħu Mason qalilhom li huwa kellu *video cassettes* li kienu juru li kienu qed jieħdu l-flus mill-*cash register* u jitfawhom fil-*handbags* tagħhom.  Hija qalet li *“lanqas biss beda jagħtini ċans ngħid xejn għax beda jfajjar akkuża wara l-oħra”.* Hija xehdet li dak il-ħin ma kenitx taf x’kien qiegħed jiġri. Hija kompliet *“jien bdejt nibża’ għas-sigurta’ tiegħi biex bi tlett irġiel kontra tiegħi, ma kelli l-ebda mod kif noħroġ il-barra minn hemm jekk mhux wara li nagħmel dak li ried Steve Mason : cjoe’ li nħallsu lura ammont li skond hu konna sraqna”.* Huwa beda jheddidha li jekk ma tħallsux kien se jagħmel ċert li jirrovinalha ħajjitha u li qatt ma terġa’ ssib xogħol ieħor. Hija kompliet:-

*“Steve Mason heddidni personalment li jekk ma nirrangax kollox miegħu biex iħalli barra lill-pulizija, hu kien se jagħmel ċert li niġi arrestata w iħassarli t-tieġ biex iżeblaħ lili u lill-għarus tiegħi quddiem il-mistiednin. Hu qalli li jekk*

*ma ncedix, l-ghada kien se jmur ghand il-gazzetti kollha u jippublika ismi u n-numru tal-karta ta' l-identita' tieghi. Qal ukoll li kien lest li jkellem lill-familja ta' l-gharus tieghi biex jurihom kemm jien hazina halli jghidu lill-gharus tieghi biex ma jizzewwignix. Jiena tlabt lil Steve Mason biex ma jaghmilx hekk, izda Steve Mason kompla jghid li kien lest li jivvendika ruhu billi jtellef ix-xoghol lill-gharus tieghi ghax Joe Zammit Tabona li mizzewweg ghand is-sid tal-kumpanija fejn hahdem Gordon Gafa' kien qieghed jisma' kollox".*

Illi Mason qalilha li jekk ma kenitx se tiffirma l-ftehim dakinhar kien se jehodha fl-Ghassa tal-Pulizija sabiex tigi arrestata. Minhabba dan kollu cediet u ffirmat fuq bicca karta li ma kenitx taf x'kien fiha ghax Mason beda jghatti l-karta b'idu. Imbaghad Mason ordna lill-attrici u lit-tnejn l-ohra biex l-ghada filghodu jmorru jiltaqghu mieghu gewwa l-hanut 'Sinatra' u jaghtuh Lm6,000 kull wahda. Imbaghad tahom *video casette* kull wahda. Huwa keccihom mill-impjieg taghhom u fethilhom biex johorgu.

Illi kif harget mill-hanut, Gordon Gafa' kien qieghed jistenniha u meta qaltlu x'kien gara dan Gafa' ddecieda li jmur ifittex lil Steve Mason. Meta ltaqghu ma' Mason, Attard u Zammit Tabona, Gafa' staqsieh x'gara u talbu jghaddilu kopja tal-karta li hija ffirmat u hemmhekk irrealizzaw li kienet kambjala.

Illi in kontro-ezami hija xehdet li hija bejn kienet taf u bejn ma kienitx taf x'kienet qed taghmel ghax kienet imwerwra minhabba t-theddid u l-presenza tat-tlett irgiel. Hija ma kenitx taf x'inhi tiffirma. Kien qalilha li dak kien ftehim li ma jsirx rapport ghand il-Pulizija pero' l-ammont kien ghadu ma ssemmix. Bil-fixla hija ffirmat isimha biss. Meta regghet xehdet in kontro-ezami fis-16 ta' Novembru 2005 ikkonfermat dak li diga' kienet xehdet dwaru. Hija xehdet li l-Qorti tal-Magistrati sabitha hatja ta' approprjazzjoni ndebita fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u giet moghtija *probation.*

Illi Charmaine Costa wkoll xehdet fis-sens li Steve Mason beda jghajjat maghhom, akkuzahom b'serq u heddidhom

li jgibhom fuq il-gazzetti, li jgibulhom il-Pulizija, li jgellidhom mal-genituri u gaghlhom jiffirmaw karta li hija ma kenitx taf x’inhi ghax beda jghatti l-karta b’idu. Mason ma qalilhiex x’kienet qed tiffirma. Kien biss wara li saret taf li hija ffirmat kambjala. Hija ffirmatha ghax dak il-hin kienet imbezza’ minhabba l-atteggjament ta’ Mason u minhabba li ma setghux johorgu mill-hanut ghax kien maghluq. Ghalkemm ma ntuzat l-ebda forza fizika fuqhom hija kienet intimidata mill-presenza ta’ tlett irgiel.

Illi min-naha l-ohra Stephen Mason (a fol. 25 tal-process f’Citaz. Nru.: 1207/99/RCP) xehed li ma nghatatx kopja tal-kambjala. Huwa xehed li Gillian Gafa’ setghet tara x’kienet qed tiffirma. Huwa cahad li kien hemm xi pressjoni fuqha biex tiffirma l-kambjala. Wisq anqas li giet mhedda. Hija giet imkeccija dakinhar tal-laqgha. Imbaghad (a fol.104 tal-process) huwa xehed li din il-laqgha kienet *audiotaped* mill-bidu sa’ l-ahhar.

Illi din ix-xhieda ghandha tigi evalwata *stante* li l-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri kienet innominat bhala espert tekniku lil David Magro (a fol.175 tal-process) biex jivverifika l-awtenticita’ tal-*video* u *audio tape* esebiti mis-socjeta’ konvenuta u sabiex l-istess espert tekniku jistabbilixxi wkoll jekk dawn it-*tapes* humiex originali.

Illi fir-rapport tieghu l-espert ikkonkluda li rrizultalu *“bl-aktar mod car li dan l-tape gie edited mill-forma originali tieghu f’aktar minn okkazzjoni wahda”.* Fl-erba’ *edits* irrizulta li r-*recording* gie mwaqqaf ghal aktar minn darba. Fir-rigward tal-*video tape* kkonkluda li *“l-filmat mhux edited u hu shih fil-forma originali tieghu. Illi l-esponent jigbed l-attenzjoni li minhabba l-kundizzjoni hazina li fiha jinsab il-video tape hu probabbli hafna li dan it-tape ma ntuzax ghall-ewwel darba biex jingibed il-filmat in kwistjoni izda serva ta’ medium li fuqu ngibdu diversi filmati”.*

Illi meta jigu applikati l-principji fuq enuncjati ghall-provi prodotti din il-Qorti thoss li gie ppruvat li meta l-attrici ffirmat l-istess kambjala hija kienet mahkuma minn vjolenza morali ezercitata fuqha, b’dan li l-kunsens taghha

kien ghalhekk ivvizjat u certament li ma kienx liberu, b'dan li jista' jinghad li l-kunsens taghha kien effett fis-sens deskritt fil-gurisprudenza iktar 'il fuq citata.

Illi dan kollu jirizulta fuq kollox mill-ambjent innifsu ta' kif u fejn issejhet il-laqgha. Id-diretturi Mason u Attard talbu lil Zammit Tabona biex ikun xhud ta' dak li kien se jigri. L-attrici marret ghal-laqgha bl-impressjoni li kienet se tkun *staff meeting* tas-soltu. Izda meta sar il-hin biex jiltaqghu it-tlett irgiel sakkru l-hanut minn gewwa, b'dan li l-impjegati ma setghux johorgu liberament minn gol-hanut. Mhux hekk biss izda l-istess Attard u Zammit Tabona qaghdu fuq kull naha tal-bieb u dan ifisser li zgur l-attrici ma setghetx titlaq mill-post meta riedet u jidher li l-istess attrici kienet addirittura kostretta toqghod hemm bil-fors.

Illi l-versjoni tal-attrici ta' kif kienu c-cirkostanzi li fihom hija ffirmat il-kambjala in kwistjoni hija aktar kredibbli mill-versjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta. Infatti ghalkemm Steve Mason ipprezenta l-*audio tape* tal-laqgha in kwistjoni u qal li dan huwa fl-intier tieghu dan irrizulta li mhux minnu. Dan ghaliex mir-rapport ipprezentat mill-espert tekniku mqabbad mill-Qorti dan it-*tape* gie mwaqqaf ghal diversi drabi u certament li l-istess relazzjoni tefghet dubju sew fuq il-konsistenza ta' l-istess dokument. Dan fuq kollox huwa konformi ma' dak li xehdet l-attrici li dejjem cahdet l-allegazzjonijiet vantati kontra taghha mis-socjeta' konvenuta.

Illi minbarra dan il-versjoni ta' l-attrici hija kkorroborata mill-versjoni moghtija minn Marcon Coppola u Charmaine Costa u fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici giet ippruvata – anke ghaliex gie ppruvat ukoll sal-grad rikjest mill-ligi, li l-istess attrici ffirmat id-dokument li gie pprezentat lilha biss ghaliex kienet litteralment imbezza u mwerwra mit-theddid li kien qed isir lilha u wkoll hija ffirmat dokument li lanqas biss kienet taf x'kien, tant li hija tghid li ma kenitx taf li kienet qed tiffirma ghall-kambjala u certament lanqas kienet taf li qed tiffirma ghall-ammont konsiderevoli li jidher li kien indikat fl-istess kambjala.

Illi hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti jirrizulta li d-direttur tas-socjeta’ konvenuta identifikat fl-atti ta’ din il-kawza bil-mod li gab ruhu fl-indikata laqgha ezercita’ vjolenza morali fuq l-attrici u kien biss rizultat ta’ dan u minhabba dan, li l-attrici ffirmat dokument li fil-verita’ lanqas biss kienet taf x’fih. Jirrizulta l-istess persuna agixxa b’mod aggressiv fit-ton tieghu u sahansitra hedded lill-attrici u in partikolari li kien lest li ser jhassrilha t-tieg taghha li kien biss sittax-il gurnata ‘l boghod. M’hemmx dubju li f’dan il-kuntest tali agir tar-rappresentant tas-socjeta’ konvenuta fuq tfajla, ta’ tmintax-il sena, li kienet waslet biex tizzewweg fi zmien daqshekk qasir, fic-cirkostanzi ta’ kif graw, inkluz it-theddid l-iehor mhux lanqas li l-attrici kienet ser titlef l-impjieg taghha, jammonta ghal vjolenza li kienet determinanti, ingusta u gravi fuq l-istess attrici li jwassal ghall-vizzju ta’ kunsens.

Illi ma dan irid jizdied il-fatt li l-istess direttur qalilha li fin-nuqqas li hi tasal ghall-ftehim kien se jaghmel rapport lill-Pulizija u certament li din il-Qorti thoss li bil-mod kif l-attrici giet rinfaccata, dan halla mpressjoni determinanti fuq l-attrici, tant li akkost ta’ kollox hija riedet tehles mis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha fis-sens li tohrog mill-kamra minn fejn kienet, haga li hija fehmet li ma tistax taghmel jekk hija ma tiffirmax id-dokument li kien migjub quddiemha, anke jekk jidher car li ma kenitx taf x’fih, ghaliex dan gie mohbi lilha mill-persuna li kienet qed tikkonfrontaha. Kif inghad kien biss wara li hija saret taf li kienet iffirmat kambjala u l-ammont li kien indikat fuqha, liema kambjala hija l-mertu ta’ din il-kawza. Fid-dawl tal-provi prodotti jirrizulta li l-vjolenza morali ezercitata fuq l-attrici kienet tali li certament ivvizjat il-kunsens ta’ l-attrici, b’dan li gie ndikat fuq l-istess dokument ammont ferm superjuri ghal kull pretensjoni li s-socjeta’ konvenuta setghat vantat kontra l-attrici. (ara **“Maria Schembri vs Gerolamo sive George Mizzi Agius et”** (P.A. (JF) – 12 ta’ Ottubru 1960).

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :

1) Tiddikjara li l-kambjala ffirmata mill-attrici fit-12 ta' Mejju 1999 fl-ammont ta' sitt t'elef lira Maltin (Lm6,000) hija nulla u bla ebda validita' legali billi giet mehuda kontra l-volonta' libera tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------